**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 542/20217 CFF**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**Vs**
**Oliver Veneziani**

**Illum 30 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' Bank of Valletta p.l.c. fejn esponiet bir-rispett u Johanna Bartolo ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta bil-gurament ikkonfermat:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Oliver Veneziani" (Avviz numru 894/1999 JAB) (Dok "A"), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' Oliver Veneziani fis-somma ta' sitt mija u tmienja u sittin Liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm688.66) flimkien mal-ispejjez u mal-imghaxijiet ulterjuri mill-1 ta' April, 1999 sal-jum tal-pagament effettiv oltre spejjez legali ohra.

Illi ghaddew aktar minn hmistax-il sena (15) minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-intimat ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi d-debitu tal-intimat illum jammonta ghal elfejn, seba' mija u sittin Ewro u tmintax-il centezmu (€2,760.18), kwantu ghas-somma ta' elf, mija u tlieta u sebghin Ewro u tnejn u disghin centezmu (€1,173.92) sorte u kwantu ghal elf, hames mija u sitta u tmenin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€1,586.26) imghax legali sas-6 ta' Gunju, 2017 (Dok. "B1 sa B2") oltre spejjez legali ohra, u flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mis-7 ta' Gunju, 2017 sal-jum tal-pagament effettiv.

Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet "Bank of Valletta p.l.c. vs Oliver Venziani" (Avviz numru 894/1999 JAB) (Dok "A"), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

Rat illi din il-kawza nbdiet fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili quddiem l-Imhallef Onor Silvio Meli u fil-verbal tas-16 ta' Jannar, 2018[1], il-Qorti rrikuzat ruhha a bazi tal-fatt illi l-quantum mertu tal-kawza odjerna ma taqax fil-kompetenza ta' dik il-Qorti u ghalhekk din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li l-intimat gie notifikat fil-11 ta' Settembru, 2018 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Mejju, 2019, l-intimat imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tal-Bank rikorrenti u tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza moghtija fid-9 ta' Novembru, 1999 fl-ismijiet "Bank of Valletta

[1] Fol 13 tal-process

p.l.c. vs Oliver Venziani" (Avviz numru 894/1999 JAB) (Dok "A"), bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-intimat.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**